GHASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/13*

Minuti tal-Laqgha Nru. 13 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar l-Erbgha, 22 ta' April 2009 fis-7.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**I. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 12. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. Drenagg fi Triq il-Wilga**
Ix-xoghol kollu konness mat-tqeghid ta' mejn gdid ghas-sistema tad-drenagg issa tlesta u fadal biss li t-triq tinghata kisja bit-tarmak.
Is-Sindku ssuggerixxa li minn fejn waqaf bix-xoghol il-kuntrattur jigifieri fejn tibda Triq iz-Zebbug, tinbidel dik il-parti tal-mejn tad-drenagg ghal ftit metri fi Triq Wied Sara u dan fejn it-triq hi mifqugha bl-ilma. Dan hu ssuggerit peress li hu mahsub li l-mejn tad-drenagg hu mifquh u qed johrog ghal tah it-triq bir-rizultat li t-triq tkun mifqugha.
Fil-fatt il-kuntrattur kien qal li fix-xoghol li ghamel, hu kien qabbad il-mejn il-gdid ma' dak qadim fil-bidu ta' Triq Wied Sara. Is-Sindku kien kellem lill-Ministeru ghal Ghawdex fuq dan ix-xoghol u kienet tressqet talba fuq hekk lid-Direttur responsabbli fejn kien issuggerit li d-drenagg isir mill-kuntrattur tal-gvern u x-xoghol tat-triq isir mill-Kunsill Lokali u b'hekk insolvu l-problema li t-triq ma tibqax tinfaqa'.

**2. Tiswijiet fit-Toroq**
S'issa saret tiswija fuq it-toroq kollha u kien ghad fadal bis li jsiru tiswijiet fi Triq il-Gallina u f'parti zghira ta' Triq Wied il-Ghasri.

**3 Attivitajiet tal-Gemellagg**
Il-Kunsill qed jahdem hafna halli hekk kif qed toqrob il-festa u peress li se jkollna fostna grupp ta'rapprezentanti minn Ottenschlag, ikollna kollox ippreparat ghall-okkazjoni.
Gie deciz li naghmlu streamer li juri din l-okkazjoni u dan jitwahhal jaqsam it-triq fi Triq Dun Karm Caruana. Ghandhom ukoll jigu ordnati zewg bandalori bl-arma ta' l-Ghasri u bandalora ohra bl-arma tal-lokalita ta' Ottenschlag u dawn jitqeghdu fuq il-palk waqt l-attivitajiet principali.
Sadanittant, il-Kunsill ghadu kemm ircieva ittra mill-ufficcju ghat-talbiet ta' fondi tal-EU fejn konna nfurmati li l-applikazzjoni ghall-fondi tal-gemellagg li ressaqna, kienet fost numru ta' applikazzjonijiet li gew accettati biex ikunu kkunsidrati ghal ghoti ta' fondi.

**5. Laqghat fuq il-Fanal ta' Gordan**
Is-Sindku akkumpanjat mis-Segretarju tal-Kunsill kellu laqgha ma' Dr Chris Said rigward ir-restawr tal-Fanal ta' Gordan liema proposti ilhom li tressqu minn dan il-Kunsill sabiex dan il-Fanal jithares minn aktar hsarat.
Sadanittant, il-Kunsill kien mgharraf li l-organizzazzjoni Din l-Art Helwa kienet ressqet applikazzjoni biex tirrestawra l-Fanal ta' Gordan u din hi nnumerata 0682/09 u datata 23/02/2009.
Dan juri li din l-applikazzjoni tressqet wara li s-Sindku talab li jsir ir-restawr permezz ta' hidma kollettiva bejn diversi entitajiet fosthom dan il-Kunsill Lokali stess.
Is-Sindku qal li ghal Kunsill primarjament l-ghan hu li dan il-post ma jithalliex jitfarrak u jingabar il-materjal kollu li qieghed mxerred u kien il-Kunsill stess li beda din l-inizjattiva.
Ghalhekk ma kienx qed jaghmel sens illi filwaqt li ressaqna diversi talbiet u nzammu laqghat ma' diversi awtoritajiet fuq dan is-suggett, minghajr ma konna nfurmati xejn, titressaq applikazzjoni ghar-restawr minn Din l-Art Helwa fejn kull konsultazzjoni mal-Kunsill qed tigi eskluza.

**IV. Korrispondenza**

i. Fl-okkazjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb il-Ministeru ghal Ghawdex kien qed jibghat avviz ta' wirja tal-ktieb nhar il-Hamis 23 ta' April 2009.
ii. Stedina lis-Sindku ghal Business Breakfast moghti minn Dr Chris Said fejn se jinghataw dettalji dwar ir-riformi li se jsiru fil-Kunsilli Lokali.
iii. Il-Ministeru ghal Ghawdex qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li se tkun organizzata attivita f'Mejju bit-tema "Lejliet Lapsi.
iv. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp fi Triq il-Fanal biex jinbnew zewg djar hdejn il-Kumpless turistiku Tal-Fanal.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Laqgha tal-Lokalita**
Is-Sindku qal li kif ahna obbligati bil-ligi, l-Kunsill ghandu jzomm laqgha tal-Lokalita fejn jigu mistiedna jattendu l-persuni kollha li isimhom jidher fuq ir-registru elettorali tal-lokalita. Il-laqgha se tinzamm nhar l-Erbgha 6 ta' Mejju 2009 fis-7.00p.m.

F'din il-laqgha l-Kunsill jaghti rapport tal-hidma li tkun twettqet tul is-sena finanzjarja li tkun ghaddiet u jaghti dettalji tal-pjanijiet li jkunu thejjew ghas-sena li jkun imiss.
Fl-istess waqt f'din il-laqgha jintlaqghu talbiet u suggerimenti mill-pubbliku fejn imbaghad il-proposti mressqa ghandhom jigu diskussi u decizi fil-laqghat li jsiru.

**2. Ghazla tal-Kwotazzjoni tal-Hajt tas-Sejjieh**

Quddiem il-Kunsill tressqu l-kwotazzjonijiet li kienu ddahhlu ghall-kostruzzjoni ta' hajt tas-sejjieh.
Fl-ahhar laqgha, l-Kunsill kien inkariga lis-Segretarju li jaqbad l-Items 2,3, u 4 mill-kwotazzjonijiet mdahhla u jinhareg il-prezz finali fuq dawn l-items biss.
Mill-prezzijiet migbura rrizulta li dik mitfuha minn Godfrey Borg kienet l-irhas wahda peress li kienet ta' €25.28 kull metru tul.
Il-Kunsill ghalhekk iddecieda li din il-kwotazzjoni tinghata lil Godfrey Borg.

**3. Attivitajiet ghall-Festa**

Il-Kunsill qed ihejji attivitajiet specjali konnessi mal-festa tal-parrocca ghal din is-sena. Dan qed isir biex l-attivitajiet jahbtu ma' l-okkazjoni tal-preparazzjoni tal-gemellagg li l-lokalita taghna qed thejji ma' Ottenschlag mill-Awstrija.
Il-Kunsill ghandu jibghat fuljett fejn jaghti l-informazzjoni kollha konnessi ma' dawn l-attivitajiet fejn jinghata dettalji ukoll tal-laqgha tal-lokalita.
Fil-fuljett ghandhom jigu mistiedna partecipanti biex jiehdu sehem fil-loghob ghal kulhadd li l-Kunsill ta kull sena jtella' ghall-okkazjoni.
Se jkunu ordnati T-Shirts specjali u trophies apposta peres li hu mistenni li fil-loghob jiehdu sehem ukoll numru ta' persuni minn Ottenschlag.
Il-Kunsill ghandu jiehu hsieb ukoll il-preparazzjoni ta' l-ikla tal-gurnata tal-Gimgha ta' qabel il-Festa peress li f'dik il-gurnata se jkun iffirmat il-ftehim dwar il-gemellagg.
Ghal waqt l-ikla tal-gimgha, l-Kunsill se jgib banda biex jallegraw l-okkazjoni.

**VI Materji Ohra**

**1. Riforma tal-Kunsilli Lokali**

Wara li ghal din l-ahhar sena l-Gvern kien qed jahdem fuq ir-riforma fil-Kunsilli Lokali, issa gie ippublikat ir-rapport tar-riforma finali. Dan ir-rapport kien mibghut fil-Kunsill fuq CD u s-Sindku ressaq ukoll rapport ipprintjat ghall-uzu tal-Kunsillieri.
Mir-rapport johrog li ghal-Kunsill taghna din il-legislatura se tkun ghal tul ta' hames snin filwaqt li mbaghad wara kull Kunsill jibda jservi ghal erbgha snin.
B'hekk fil-pajjiz kollu jibda jkollna elezzjoni tal-Kunsilli Lokali kull sentejn u mhux kull sena bhalma qed jigri fil-prezent.
Mir-rapport finali johrog ukoll li fost il-proposti mressqa hemm illi kull Kunsillier jibda jinghata "allowance" ta' €1200 fis-sena u dan mis-sena li gejja.

**2. Partecipazzjoni fil-LAG**

F'Ghawdex kien twaqqaf bejn il-Kunsilli Lokali kollha, l-GAG li kien se jiehu hsieb il-partecipazzjoni fil-programm Leader tal-EU. Bhala membri fil-GAG, kienet qed tintalab is-somma ta' €100 bhala hlas annwali. Il-Kunsil laqgha dan il-hlas.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif opprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella<br>Sindku | Joe Camilleri<br>Segretarju Ezekuttiv |

Data : ___________________